# LECTIO DIVINA

# 4 ĦADD TAR-RANDAN (SENA A)

**Ġw 9:1-41**

**Il-Kuntest:**

Il-Prologu jippreżenta l-miġja tal-Verb inkarnat fid-dinja bħala d-dawl tal-bnedmin, dawl li jagħti l-ħajja, jiġifieri jibda ħolqien ġdid permezz tal-fidwa (ara Ġw 1:4). L-azzjoni tal-ħolqien ġdid tkompli tiġi mfissra fl-azzjoni tal-fejqan tal-agħma, f'relazzjoni mas-sagrament tal-Magħmudija. Il-Kap 9 hu mimli lingwaġġ batteżimali li jfakkar fir-riti tal-inizjazzjoni. Bil-preżentazzjoni Kristoloġika tiegħu, l-evanġelista jkompli "jdawwal" il-mixja tad-dixxipli li rċevew twelid ġdid minn fuq bl-ilma u l-Ispirtu (Ġw 3). L-imwielda mill-ġdid jiġu mfejqa (Ġw 5) u jissaħħu bil-ħobż tas-sema (Ġw 6) biex ma jidinbux iżjed (Ġw 8:11). Imdawlin minn Kristu (Ġw 9), huma jiksbu l-ħelsien (Ġw 8:32) u jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità (Ġw 4:23s). Imma biex id-dixxiplu jsir ħaġa waħda ma' Kristu, jeħtieġlu jgħaddi mit-triq tal-Imgħallem, sa jiġi mgħajjar u mkeċċi minn daru (Ġw 1:11; Ġw 9:28).

---

**[1]Kif kien għaddej, Ġesù lemaħ raġel agħma minn twelidu,**

Hu Ġesù li jieħu l-inizjattiva. Ġesù jgħaddi minn ħdejn kull min hu bil-għatx (Ġw 4), kull min ma jiflaħx jimxi jew għandu xi hemm (Ġw 5), kull min hu bil-ġuħ (Ġw 6), kull min hu fid-dnub (Ġw 8) u kull min hu fid-dlam (Ġw 9). Hu jfittex u jitfa' l-ħarsa tiegħu fuq raġel agħma, f'dalma li tħaddanlu l-eżistenza kollha tiegħu, kważi għadu ma ħariġx mill-ġuf tal-omm u bħal Nikodemu jeħtieġlu jitwieled mill-ġdid (Ġw 3:2s). Il-ħarsa ta' Ġesù ssir don ta' ħelsien (Ġw 8:32) għal kull jerfa' ħarstu lejh (Ġw 8:28), hekk kif l-agħma, wara li jirċievi d-dawl u jibda jara, jitfa' għajnejh fuq Ġesù u jemmen fih (Ġw 9:37s)... b'kuntrast ma' dawk li ma jemmnux u jibqgħu fid-dlam (ara Ġw 9:40). Dan ir-raġel se jantiċipa lil dawk in-nagħaġ tal-merħla li jisimgħu leħen Ġesù biex "joħorġu mill-maqjel" fejn jinsabu maqfulin u jimxu warajh lejn mergħat bnina (ara Ġw 10:3s).

**[2]u d-dixxipli tiegħu staqsewh: "Rabbi, dan twieled agħma għax dineb hu stess, jew għax dinbu l-ġenituri tiegħu?". [3]Ġesù wieġeb: "Mhux għax dineb hu jew il-ġenituri tiegħu, imma ġralu hekk biex l-għemil ta' Alla jidher fih.**

L-Appostli huma frott il-kultura (reliġjuża) ta' żmienhom. Jorbtu l-mard mal-ħtija. Ipinġu lil Alla bħala dak li jbierek lil wieħed u jisħet lil ieħor. Fil-kultura biblika tal-AT issawru kategoriji teoloġiċi li jqisu lil min hu f'saħħtu u għani bħala mbierek minn Alla, u min hu marid jew fqir misħut minħabba xi ħtija. Imma l-faqar u l-ġuħ mhumiex ħtija; is-serq u l-inġustizzja, iva! Alla, anzi, hu dak li dejjem jiddefendi lill-barrani, l-iltim u l-armla (ara Dewt 14:28s; 24:19; Salm 72; Ġer 7:6; 22:3; Eżek 22:7), u li jeħles mill-jasar il-poplu tiegħu.

L-Appostli jaħsbu li r-raġel jew għandu ħtija personali sa mill-ġuf, bħal Għesaw u Ġakobb (Ġen 25:22s), jew għandhom ħtija l-ġenituri tiegħu u hu qed ipatti għal dak li wettaq ħaddieħor (ara Ġer 31:29; Eżek 18:2)! Ġesù mhux biss iżomm li kulħadd hu responsabbli ta' għemilu (ara Ġer 31:30; Eżek 18:1ss), iżda jwarrab kull relazzjoni bejn mard u ħtija. Il-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu, li jdawwalna biex nagħrfu t-tama tas-sejħa tagħna u l-wirt li ħejjielna mal-qaddisin (Ef 1: 17s), ma jħarisx b'dal-mod fuq uliedu l-bnedmin! Għad li jeżisti l-ħażen u d-dnub, dawn m'għandhomx l-aħħar kelma, għax Alla juri mħabbtu propju fejn hemm id-dgħajjef (2 Kor 12:9; ara Rum 5:20).

**4Sakemm għadu binhar, jeħtiġilna nagħmlu x-xogħol ta' dak li bagħatni, għax jasal il-lejl meta ħadd ma jkun jista' jaħdem. 5Sakemm għadni fid-dinja, jiena hu d-dawl tad-dinja".**

Jasal jum meta dawk li jħobbu d-dlam (ara Ġw 3:19) jippruvaw jitfu d-dawl billi joqtlu lil Ġesù (Ġw 12:35s; ara Mt 27:45; Mk 15:33; Lq 23:44), biex għemilhom ma jinkixifx (Ġw 3:20). Imma anke hemm "fuq" bejn sema u art, Ġesù jibqa' sinjal jiddi ta' mħabba unika (ara Gal 3:1; Is 52:13ss) li tneħħi d-dnub tad-dinja (Ġw 1.29.36) u tfejjaq il-gidma tas-serp qarrieq (Ġw 3:14s; ara Num 21:8s).

Ġesù hu d-dawl tad-dinja, hu dawl għall-bnedmin, bħall-Qaddej ta' Jaħweh li jiftaħ għajnejn il-għomja (Is 42:6s; 49:6). Il-ħelsien veru jseħħ meta l-bniedem jinħeles mill-ħażen li jżommu magħluq fid-dlam, u jibda jgħix fid-dawl, billi jħares lejn il-bnedmin u jarahom ħutu, ulied il-Missier.

Min twieled mill-ġdid permezz tal-magħmudija għadda mid-dlam għad-dawl, jagħmel l-għemejjel tad-dawl (Ef 5:8-14), u jgħix fil-jum imdawwal tal-Mulej (1 Tess 5:5s). Id-dixxipli huma msieħba ma' Ġesù fil-ħidma tiegħu u mistiedna biex jagħmlu l-opri tad-dawl (ara Mt 5:14-16; Rum 13:12), f'kuntrast ma' wlied id-dlam (Ġw 9: 40; ara Lq 16:8) li jagħmlu l-opri ta' missier il-gideb (Ġw 8:44).

- "When we look at modern man, we have to face the fact...that modern man suffers from a kind of poverty of the spirit, which stands in glaring contrast to his scientific

and technological abundance; We've learned to fly the air like birds, we've learned to swim the seas like fish, and yet we haven't learned to walk the Earth as brothers and sisters...” (Martin Luther King Jr.)

**[6]Kif qal dan, beżaq fl-art, għamel minnu qisu tajn, u dilek bih għajnejn ir-raġel agħma**

Fil-bżieq nilmħu x-“xmajjar ta’ ilma ħaj” ħerġin minn Ġesù (Ġw 7:37s). F’azzjoni li tfakkar fil-ġest tal-ħolqien tal-ewwel raġel mit-trab tal-art (Ġen 2:7; Is 64:7), Ġesù jagħmel ħolqien ġdid permezz tal-Ispirtu (Ġw 3:5), li jissawwab fil-bniedem biex il-bniedem jiddawwal u jieħu l-ħajja (Ġw 1:4).

It-tajn ifisser ukoll il-biża’ tal-mewt (ara Ġer 38:6). Imma l-Midluk tal-Mulej, bl-istess umanità tiegħu li saret dgħajfa sal-mewt (Mk 16:1), ikompli jidlek il-bnedmin u jfejjaqhom (Mk 6:13; Ġak 5:14), biex jerfagħhom “minn qalb il-ħama u t-tajn” u jsaħħilhom riġlejhom billi jqegħedhom fuq il-blat fis-sod (Salm 40:3).

**[7]u qallu: “Mur inħasel fil-menqgħa ta’ Silwam”. Din tfisser “il-Mibgħut”. Mela dak mar, inħasel u ġie jara.**

Bħalma għamel Eliżew ma’ Nagħman (ara 2 Slat 5:1), Ġesù jibgħat lil dan ir-raġel biex jinħasel (ara Ġw 5:6). Flimkien mad-don li jiġi minn fuq, hemm ukoll il-libertà tal-persuna li tilqa’ d-don. Il-fidi hi dejjem tweġiba personali u ħielsa quddiem il-kelma ta’ Alla. Ir-riskju hu li, anke meta nkunu b’għajnejna magħluqa, mixħuta fl-art nittallbu l-karità, nidraw fil-“kumdità” u ma nkunux lesti noħorġu mis-sitwazzjoni abitwali tagħna.

Il-menqgħa ta’ Silwam għandha rabta storika ma’ David, ‘missier’ il-Messija. Hi mqiegħda barra l-ħitan tal-belt, fejn kienu jiġu mgħammda l-proseliti pagani. Ġesù jidentifika lilu nnifsu ma’ din il-menqgħa (ara Ġw 7:37ss), li minnha kienu jieħdu l-ilma għall-festa tal-Għerejjex. Biex jikseb il-fejqan, ir-raġel agħma jiġi msejjaħ jogħdos u jinħasel fl-ilma tal-Passjoni jnixxi minn Kristu, “il-Mibgħut” tassew tal-Missier (ara Ġw 3:17.34; 5:36.38, eċċ.), permezz tal-magħmudija. Hekk iseħħ il-passaġġ mid-dlam għad-dawl, min-nuqqas ta’ fidi għall-fidi (“ġie jara”: Ġw 9:37s; ara 2:11; 20:8)

**[8]Il-ġirien u dawk li s-soltu kienu jarawh, għax hu kien tallab, qalu: “Dan mhuwiex dak li kien joqgħod bilqiegħda jittallab?”. [9]Xi wħud qalu: “Iva, hu”. Oħrajn qalu: “Le, imma jixbhu”. Iżda hu qalilhom: “Jiena hu”.**

Bħalma staqsew l-ewwel dwar l-identità tal-Battista (Ġw 1:22) u mbagħad dwar l-identità ta’ Ġesù (Ġw 5:12; Mt 16:13; Lq 9:9; 20:2), hekk issa jistaqsu dwar l-identità ta’ dan ir-raġel li

kien agħma. Minkejja s-‘sinjali’, ħafna nies, għad li huma ‘fil-qrib’, iħarsu biss lejn dak li jidher minn barra u ma jinżlux fil-fond. Il-bidla l-kbira sseħħ mhux tant minn barra daqskemm fil-qalb (Rum 2:28s;1 Piet 3:3s). Min ħsiebu biss fit-tlellix ta’ barra bla ma jħaffer fil-fond, jaqa’ fin-nasba tal-Fariżej (Lq 11:29s; 2 Kor 5:12). Milqut minn Kristu, id-dixxiplu jrid jidentifika lilu nnifsu mal-Imgħallem (“Jiena hu” – v.9) u jitgħallem iħares bl-għajnejn tal-Mulej, li ma jarax biss dak li jidher fil-għajn, imma jinżel fil-fond u jifli l-ġewwieni u l-qalb (1 Sam 16:7; Apok 2:23).

- “Still today the question (“*Who do you say I am?*”) echoes in our conscience, as his disciples, and is decisive for our identity and our mission. Only if we recognize Jesus in his Truth, will we be able to see the truth in our human condition, and will we be able to make our contribution to the full humanization of society.” (Francis, Homily, Pastoral Visit to Prato and Florence, Artemio Franchi Municipal Stadium, Florence, 10 November 2015).

**10Qalulu: “Mela kif infetħulek għajnejk?”. 11Weġibhom: “Wieħed raġel, jgħidulu Ġesù, għamel ftit tajn, dilikli għajnejja bih, u qalli: “Mur fis-Silwam u nħasel hemm”. Mort, inħsilt, u ġejt nara”.**

Kif jista’ wieħed jinfetħulu għajnejh? Hi l-istess mistoqsija ta’ Nikodemu: “Kif jista’ wieħed jitwieled mill-ġdid?” (Ġw 3:1s); l-istess mistoqsija tas-Samaritana: “Mnejn se ġġib l-ilma ħaj?” (Ġw 4:11). F’dan il-proċess ta’ akkużi kontra r-raġel agħma u t-tweġbiet li hu jagħti, l-evanġelista jippreżenta gradwalment il-proċess tat-twelid ġdid, imfisser bħala passaġġ mid-dlam għad-dawl. Meta nersqu lejn il-Mibgħut – dak ir-raġel jgħidulu Ġesù (v.11) – u nħalluh jaħdem fina bħall-fuħħari, hu jagħmilna ħolqien ġdid (Is 64:7; Sir 33:13; Is 29:16).

**12Qalulu: “Fejn huwa dan ir-raġel?” Qalilhom: “Ma nafx”.**

Dan it-test jreġġagħna lejn il-bidu tal-Vanġelu, għax-xhieda tal-Battista u l-laqgħa ta’ Ġesù mal-ewwel dixxipli, u b’mod ironiku jorbot mal-istqarrija tal-Fariżej f’v.29: “dan ma nafux minn fejn hu”. Hawn ukoll, il-qraba u l-ħbieb tar-raġel imfejjaq itennu l-mistoqsija inizjali tal-ewwel dixxipli: “Fejn jgħammar dan ir-raġel?”, (Ġw 1:38). B’mod indirett, l-evanġelista jistieden lid-dixxipli biex ‘imorru jaraw’ (Ġw 1:39). Hu b’dan il-mod li min ma jafx isir jaf (ara Ġw 1:33). Anke jekk Ġesù jidher li m’għadux hemm, ix-xewqa profonda ta’ min ifittex trid tibqa’ li jara lil Ġesù (Ġw 12:21) u jgħammar miegħu (Ġw 1:39), sabiex għajnejh jinfetħu, jieħdu d-dawl u jibda jara permezz tal-fidi f’Ġesù (ara Ġw 1:34; 20:29).

**[13]Lil dan il-bniedem li fl-imgħoddi kien agħma ħaduh għand il-Fariżej. [14]Issa dakinhar li Ġesù għamel it-tajn u fetaħ għajnejn l-agħma nzerta kien is-Sibt. [15]Il-Fariżej ukoll staqsew mill-ġdid lill-agħma kif sar jara. U hu qalilhom: "Qegħedli ftit tajn fuq għajnejja, mort ninħasel, u issa qiegħed nara". [16]Xi wħud mill-Fariżej qalu: "Dan il-bniedem mhuwiex ġej mingħand Alla, għax ma jħarisx is-Sibt". Iżda oħrajn qalu: "Kif jista' wieħed midneb jagħmel sinjali bħal dawn?" U ma qablux bejniethom.**

Bil-preżenza tal-Fariżej, ir-rakkont jieħu xejra aktar drammatika. Għad li, bħal Nikodemu, kien hemm diversi Fariżej li emmnu f'Ġesù (ara Ġw 12:42s), hawn isiru l-għedewwa tiegħu: dan il-bniedem mhux minn Alla għax "jikser is-Sibt". Ironikament, il-proċess tal-iżvilupp tal-fidi u tan-nuqqas tagħha jieħu toroq simili, bid-differenza li l-mixja tieħu toroq opposti: waqt li l-agħma riesaq lejn id-dawl, dawn qed jitbiegħdu minnu.

- "Waqt li nagħmlu s-sewwa fl-imħabba, nikbru f'kollox fih, f'dak li hu r-Ras, Kristu" (Ef 4:15): *In via Dei non progredi, est regredi* (San Tumas, *Kumment fuq l-Ittra lill-Efesin,* 223).
- "The Christian life is a continuous conformation to Christ, image ot the new man, in order to reach full communion with God. The Lord Jesus is 'light of the world' (jn 8:12), because in him shines 'the knowledge of the glory of God' (2 Cor 4:6) that continues in the complex plot of the story to reveal the meaning of human existence." (Benedict XVI, Angelus, 3 April 2011)

Il-kunflitt bejn il-Fariżej u r-raġel agħma jirrifletti wkoll il-kunflitt posterjuri bejn il-Lhud u l-Lhud-Insara kif għexuh il-komunitajiet ta' Ġwanni, meta fil-konċilju ta' Jamnia (AD 90) l-Lhud-Insara ġew imkeċċija mis-Sinagoga (Ġw 16:2). Hu kunflitt perenni, mibni fuq *power issues* li jistgħu jaħkmu anke n-nies tal-Knisja llum, u li jwasslu għal *leadership power abuse*.

- "Jesus speaks a language of humiliation, of death, of redemption, and they (the disciples) speak a language of climbers: who will climb the highest in terms of power?... On the path that Jesus points out to us in order to go forward, service is the rule. The one who is greatest is the one who serves most, who is most at the service of others, not the one who boasts, who sees power, money, vanity, pride... It is a story that happens every day in the Church, in every community (where it is often asked): Who is the greatest among us? Who is in charge? (Thus) ambitions (emerge, along with the) desire to climb, to have power." (Francis, Meditation, Chapel of Saint Martha, 17 May 2016)

Minkejja l-evidenza li ma jistgħux jinnegaw, il-Fariżej jinqaflu fis-sikurezzi tagħhom u jinqdew bis-saħħa tal-awtorità biex jibqgħu fil-poter (... u fid-dlam); lesti jieqfu lill-istess

tjieba ta' Alla u jippersegwitaw lill-aħwa (ara Fil 3:6), bl-iskuża li qed jiddefendu d-drittijiet tiegħu! Ifaħħru l-interventi tal-għeġubijiet ta' Alla fil-passat... imma mhumiex kapaċi jarawh jaħdem anke fil-preżent. Hu biss meta jaqgħu l-qxur li jagħlqu l-għajnejn (At 9:1-9) li l-ħarsa tagħna tiddawwal, u nibdew naraw bl-istess ħarsa ta' Kristu.

- "I prefer a Church which is bruised, hurting and dirty because it has been out on the streets, rather than a Church which is unhealthy from being confined and from clinging to its own security. I do not want a Church concerned with being at the centre and which then ends by being caught up in a web of obsessions and procedures. If something should rightly disturb us and trouble our consciences, it is the fact that so many of our brothers and sisters are living without the strength, light and consolation born of friendship with Jesus Christ, without a community of faith to support them, without meaning and a goal in life. More than by fear of going astray, my hope is that we will be moved by the fear of remaining shut up within structures which give us a false sense of security, within rules which make us harsh judges, within habits which make us feel safe." (Francis, *Evangelii Gaudium*, 49)

**17U reġgħu qalu lill-agħma: "Int x'jidhirlek minnu, issa li fetaħlek għajnejk?" Qalilhom: "Dak profeta".**

Id-djalogu jikxef gradwalment min hu Ġesù. Dak ir-raġel li ħadd ma jaf fejn hu, u li żgur mhux ġej minn Alla (!), issa jiġi mistqarr bħala profeta. Ir-raġel b'għajnejn magħluqa kapaċi jara aħjar lil Ġesù minn dawk li jaħsbu li għajnejhom miftuħin, għax permezz tiegħu għamel esperjenza tal-imħabba ta' Alla f'ħajtu li bidlitu ta' taħt fuq.

**18Il-Lhud ma ridux jemmnu li hu kien agħma u ħa d-dawl qabel ma bagħtu għall-ġenituri ta' dak li sar jara, 19u staqsewhom: "Dan, li intom qegħdin tgħidu li twieled agħma, dan binkom? Mela issa kif ġie jara?".**

L-iskemi riġidi li jikbru magħna u jsiru ħaġa waħda minna spiss ma jħalluniex naraw il-verità li teħlisna (Ġw 8:32). Inqiegħdu f'dubju dak li hu ċert għax nibżgħu mill-inċertezzi li jistgħu jaħkmuna, allura nibnu ħajt madwarna bħala *self-defence* li, flok isaħħaħna, jagħlaqna ġewwa. Jeħtieġ inħallu l-verità tidħol fina minn barra, inpoġġu fid-"dubju" l-iskemi u ċ-ċertezzi tagħna, biex nitgħallmu naraw b'għajnejn ġodda.

- "Faced with a crisis, we tend first to react defensively, since we feel that we are losing control, or are somehow at fault, and this makes us uneasy. We resort to denying the

problem, hiding or downplaying it, and hoping that it will go away." (Francis, *Amoris Laetitia,* 233.)

- "Jesus reveals to the blind man whom he had healed that he had come into the world for judgment, to separate the blind who can be healed from those who do not allow themselves to be healed because they consider themselves healthy. Indeed the temptation to build himself and ideological security system is strong in man: even religion can become an element of this system, as can atheism or secularim, but in letting this happen one is blinded by one's own selfishness." (Benedict XVI, Angelus, 2 March 2008)

**[20]Il-ġenituri tiegħu wieġbu u qalulhom: "Nafu li dan hu t-tifel tagħna u li twieled agħma; [21]imma kif issa ġie jara, dan ma nafuhx, u anqas ma nafu min fetaħlu għajnejh. Staqsu lilu: żmien għandu, ħa jitkellem hu għalih innifsu". [22]Il-ġenituri tiegħu wieġbu hekk għaliex beżgħu mil-Lhud, għax il-Lhud kienu ġa ftiehmu bejniethom li jekk xi ħadd jistqarr li Ġesù hu l-Messija, isib ruħu barra mis-sinagoga. [23]Kien għalhekk li l-ġenituri wieġbu: "Żmien għandu, staqsu lilu".**

Il-ġenituri huma f'dilemma: il-grazzja li rċieva binhom inbidlet f' diżgrazzja għalihom. Huma ġġenerawh għall-ħajja fiżika, imma ma ġġenerawhx għad-dawl. Il-biża' għalqilhom għajnejhom u qalbhom għall-istess wild li nisslu: hi biss l-imħabba li tagħti d-dawl (1 Ġw 2:9-11; 4:18).

**[24]Għal darb'oħra reġgħu bagħtu għal dak li kien agħma u qalulu: "Agħti glorja lil Alla! Aħna nafu li dan il-bniedem huwa midneb". [25]Dak weġibhom: "Jekk hux midneb ma nafx. Ħaġa waħda naf: li jien kont agħma u issa qiegħed nara". [26]Qalulu: "Imma hu x'għamillek? Kif fetaħhomlok għajnejk?".**

F'kuntrast mal-ġenituri tiegħu li, minħabba l-biża', għalqu qalbhom u għajnejhom biex ma jarawx, ir-raġel imfejjaq ġie msaħħaħ mid-dawl li rċieva u mtela bil-kuraġġ tal-verità... anke jekk aktar tard dan swielu prezz qares. Imma fl-istqarrija mhux biss tal-fidi imma wkoll tal-verità, ir-raġel imfejjaq sar jixbah lil Ġesù li ma staħbiex taħt il-siegħ (Mt 5:14-16)... f'kuntrast ma' Pietru, li beża' jħobb (Mt 26:69ss).

**[27]U hu weġibhom: "Ġa għedtilkom u ma smajtux! Xi tridu tisimgħu iżjed? Jaqaw tridu intom ukoll issiru dixxipli tiegħu?". [28]U qabdu jgħajruh u qalulu: "Dak int dixxiplu**

**tiegħu! 29Aħna ta' Mosè dixxipli! Aħna nafu li lil Mosè kellmu Alla, imma dan ma nafux minn fejn hu!".**

Il-v.27 jalludi għal Is 42:18: "Intom torox, isimgħu! Intom għomja, ħarsu u araw!" Bħall-Profeti tal-A.T., li jilmentaw mir-ras iebsa u l-qalb xierfa tal-poplu (Eż 32:9; 33:3.5; Eżek 2:5; 12:3; Ġer 5:21), il-kliem ta' Ġesù fi tmiem din is-silta (9:39) jieħu sens qawwi ta' ġudizzju kontra dawk li jħobbu d-dlam aktar mid-dawl (Ġw 3:1s). Fl-arroganza għamja tagħhom, isiru idoli tagħhom infushom li għandhom għajnejn mejta li ma jarawx (Salm 115:5; 135:16; Għerf 15:15).

**30Weġibhom ir-raġel u qalilhom: "Sewwa! Hawn qiegħed l-għaġeb, li intom ma tafux minn fejn inqala', u madankollu lili fetaħli għajnejja! 31Aħna nafu li Alla mhux se jisma' lill-midinbin; iżda mbagħad jekk wieħed ikun iqim lil Alla u jagħmel ir-rieda tiegħu, lil dan jisimgħu. 32Qatt fid-dinja ma nstema' li xi ħadd fetaħ għajnejn wieħed agħma mit-twelid. 33Li kieku dan ma kienx ġej mingħand Alla, xejn ma kien ikollu ħila jagħmel".**

Wieħed mis-sinjali ewlenin tal-Messija kien li "jiftaħ għajnejn il-għomja" (Mt 11:15; 15:31; Lq 4:18). L-imħabba ta' Alla ssir ġesti li jidhru u li jinħassu, biex isiru esperjenza li tirbaħ kull dlam.

- "Tard jien ħabbejtek, o Ġmiel hekk qadim u hekk ġdid, tard ħabbejtek. Int kont ġewwa fija, waqt li jien kont barra minni nnifsi, u hemm fittixtek: fil-kruha ta' ruħi fittixt b'ruħi u ġismi l-ġmiel tad-dinja, li inti ħlaqt. Int kont miegħi, imma jien ma kontx miegħek. Kien iżommni ''l bogħod minnek il-ġmiel tal-ħwejjeġ li inti ħlaqt, li, kieku ma humiex fik, ma huma xejn. Sejjaħtli, għajjattli, ftaħtli beraħ widnejja. Tfajt fuqi d-dawl tiegħek, feġġet għalija d-dija tiegħek, neħħejtli l-għama tiegħi. Xħett fuqi l-fwieħa tiegħek, ħadt nifs kbir ''il ġewwa, u issa nixtieqek fuq li nixtieqek. Doqtok, u issa għandi ġuħ u għatx tiegħek. Missejtni, u issa jien imħeġġeġ għas-sliem tiegħek." (Santu Wistin, *Stqarrijiet*)

**34Imbagħad qabżu u qalulu: "Int se tgħallem lilna, int li twelidt dnubiet waħdek". U keċċewh 'il barra.**

Il-ġudizzju bla appell tal-awtorità, li tittimbra lill-midneb u tfajjar l-ewwel ġebla! Kemm "midinbin" ġew imkeċċija 'l barra mis-'sinagoga'... anke llum!

- "The Church must be particularly concerned to offer understanding, comfort and acceptance, rather than imposing straightaway a set of rules that only lead people to feel judged and abandoned by the very Mother called to show them God's mercy.

Rather than offering the healing power of grace and the light of the Gospel message, some would 'indoctrinate' that message, turning it into 'dead stones to be hurled at others'." (Francis, *Amoris Laetitia,* 49)

Imma għax "ħareġ", dak ir-raġel imfejjaq kiseb il-ħelsien. Issa ġie mkeċċi mill-ġuf li kien iżommu fid-dlam, biex jara u jgħix fid-dawl tal-jum, u jħares mistagħġeb lejn il-wiċċ li tah il-ħajja tassew. Dan hu t-twelid ġdid imħabbar lil Nikodemu. Imma hu twelid li fl-istess ħin isieħbu wkoll fil-passjoni u fl-hena tal-Imgħallem (Mt 5:11s; 10,17ss).

**[35]Ġesù sama' li keċċewh 'il barra; sabu u qallu: "Temmen inti f'Bin il-bniedem?" [36]Dak wieġeb u qallu: "Min hu, Mulej, biex nemmen fih?". [37]Qallu Ġesù: "Mhux biss rajtu, imma huwa dak stess li qiegħed ikellmek". [38]Qallu: "Nemmen, Mulej!". U nxteħet għarkubbtejh quddiemu.**

Il-Verb inkarnat, li ħareġ minn ħdan il-Missier (Ġw 1:18), "ġie jfittex u jsalva l-mitluf" (Lq 19:10). Hu jerħi l-merħla fiż-żgur biex imur ifittex in-nagħġa li titbiegħed u tintilef (ara Mt 18:12; Lq 15:4), iqalleb kullimkien ta' taħt fuq sa ma jsib id-drakma ċkejkna (ara Lq 15:8), u jmur jiġri jgħannaq lill-iben li jkun ittradieh (ara Lq 15:20). Hekk Ġesù jmur ifittex mill-ġdid lill-marid imfejjaq (Ġw 5:14) u lill-agħma li kiseb id-dawl, biex isaħħaħ fihom is-sejħa tal-bidu (ara Mt 26:32; 28:7.10). Fuq l-eżempju ta' Ġesù, ir-ragħajja jeħtieġ joħorġu u jmorru jfittxu lil min tbiegħed (Mt 10:6), u jgħaddu jsaħħu l-fidi ta' dawk li jemmnu (Atti 14:21s)

**[39]Imbagħad Ġesù qal: "Jien ġejt fid-dinja biex nagħmel ħaqq, biex min ma jarax isir jara, u min jara jagħma". [40]Xi wħud mill-Fariżej li kienu hemm madwaru semgħuh jgħid dan u staqsewh: "Aħna wkoll għomja?". [41]Weġibhom Ġesù: "Li kieku kontu għomja, ma kontux tkunu ħatja ta' dnub. Imma issa qegħdin tgħidu: "Aħna naraw," mela d-dnub tagħkom għadu fuqkom".**

Il-Mulej ma ġiex biex jikkundanna imma biex isalva (Ġw 3:17), biex ikun dawl għall-ġnus u jiftaħ għajnejn l-għomja (Is 42:6s). Imma l-kelma tiegħu hi fl-istess waqt ġudizzju għax ma tħalliniex indifferenti (Apok 3:15s). Hi tistedinna niddeċiedu jekk noħorġux għad-dawl jew nibqgħux fid-dlam. Il-Mulej joffrilna t-tajn biex nidilku għanejna bih (Apok 3:18) ħalli naraw mingħajr ix-xkiel tat-torrijiet tal-avorju li fihom ningħalqu.

*"The same face that we are called to recognize in the forms in which the Lord has assured us of his presence in our midst: in his Word, which illuminates the darkness of our mind and of our heart; in his Sacraments, which regenerate us to new life from every death; in fraternal*

*communion, which the Holy Spirit engenders among his disciples; in the boundless love placed at the generous and caring service of all; in the poor who remind us that Jesus wanted the supreme revelation of himself and of the Father to bear the image of the humbled, crucified Christ." (Francis, Homily, Pastoral Visit to Prato and Florence, Artemio Franchi Municipal Stadium, Florence, 10 November 2015).*